MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Numru. 437/2013

**SPETTUR SARAH MAGRI**

**VS**

**IBRAHIM CHAHAROU**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ibrahim Chaharou ta’ 28 sena, bin Ibrahim Zenab mwieled Niger fit- 3 ta’ Ottubru 1984, residenti gewwa indirizz mhux maghruf gewwa Xghajra, Zababar u detentur tal- Karta tal- Identita’ 49224A;

Talli;

1) bejn il- perjodu ta’ bejn Frar 2012 u 7 ta’ Mejju 2013 x’ imkien gewwa Malta xejntement ghix ghal kollox jew parti, minn fuq il- qligh ta’ prostituzzjoni;

   Akkuzat talli fit- 30 ta’ April 2013 ghal habta tad- 21.00hrs gewwa Triq is- Salib tal- Marsa;

2) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi insulenta, ingurja jew hedded lil Ritienne Cardona bi kliem;
3) Fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal persuna ta’ Ritienne Cardona u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa skont ma ccertifikat minn Dr S B Das MED NO 2141 tal- poliklinika tal- Furjana;
4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkosatnzi gab ruhu b’ mod li ta fastidju lil Ritienne Cardona jew b’ mod li imissu kien jaf li kien ta fastidju ghal Ritienne Cardona;

   Talli bejn il- lejl tas- 6 ta’ Mejju u 7 ta’ Mejju gewaw Triq is- Salib tal- Marsa;

5) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi insulenta, ingurja jew hedded lil Ritienne Cardona bi kliem;
6) Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b’ mod li ta fastidju lil Ritienne cardona b’ mod li missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghall- istess Ritienne Cardona;

7) Ukoll talli meta f’ diversi atti maghmulin minn Ibrahim Chaharou ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 339(1)(e), 221(1), 251A (a)(b) u 18 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat li l-imputat kien baqa’ ma nstabx, u li kien ilu nieqes minn Malta ghal tul ta’ zmien ta’ aktar minn sena;

Din il- Qorti tiddikjara din il- kawza procediment ezawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------